**Solennità ta' Marija Omm Alla**
Il-Ħadd 1 ta' Jannar 2023



# Aħbar Tajba

Num 6, 22-27
Salm 66 (67), 2-3.5.6.8
Gal 4, 4-7
Lq 2, 16-21

Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija,
**u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja.**

Qatt kien hemm xi ħadd li staqsik għaliex inti Nisrani? Ma naħsibx, hux? U naħseb anqas qatt ma ħsibt wisq fuqha, hux hekk? Ħafna drabi hemm affarijiet li nagħmluhom mingħajr wisq ħsieb, imma ejjew ħa nippruvaw inweġbuha issa.

Ħafna minna bdew il-ħajja tagħhom bħala Nsara ftit ġimgħat wara li twieldu. Ħadd minna ma' jiftakar din il-ġurnata. Dakinhar il-ġenituri tagħna ħaduna l-parroċċa u hemm ġejna mgħammdin. Konna lebsin libsa bajda, tefgħulna ftit ilma kiesaħ fuq rasna u bkejna ftit, xi ħadd xegħel xemgħa żgħira minn waħda ferm ikbar u fl-aħħar kien hemm ċapċipa kbira min-nies. Mela t-tweġiba għall-mistoqsija "Għaliex aħna Nsara?" hija sempliċi, għax min jieħu ħsiebna ddeċieda li jgħammidna. Dawn, għax iridulna l-akbar ġid ħaduna l-parroċċa biex bil-magħmudija nsiru wlied dak li fih insibu l-akbar ġid – Alla.

Anke dawk li tgħammdu aktar tard f'ħajjithom, meta kienu kibru. Saru Nsara għax kien hemm xi ħadd li wriehom li m'hemm xejn isbaħ milli nistiednu lil Alla ġewwa fina. Għax fil-ħajja ħafna affarijiet milli niskopru u nitgħallmu jibdew minn xi ħadd ieħor li jurina t-triq. Allura ejjew nieqfu ftit biex napprezzaw kemm affarijiet f'ħajjitna tgħallimniehom minn dawk ta' madwarna u nirringrazzjaw lil Alla li laqqagħna ma' tant nies li jħobbuna u jixtiquna nkunu aħjar. Fost dawn insibu l-ġenituri tagħna u familjari oħra bħaz-zijiet u n-nanniet, ħutna, b'mod speċjali jekk huma ikbar minna, l-għalliema u l-katekisti tagħna, u ma' dawn hemm ħafna nies oħra li anqas nindunaw kemm jgħinuna.

Imma l-istorja ma tieqfx hawn tafux. Aħna wkoll għandna d-dmir li nagħmlu l-istess, u jekk naraw li nistgħu ngħinu lil xi ħadd, ma nistennewx li xi ħadd ieħor jgħinhom imma nkunu aħna li nagħtu l-għajnuna tagħna. Dan nistgħu nagħmluh id-dar stess mal-familjari tagħna imma mhux biss. Nistgħu ngħinu lil sħabna li forsi ma jkunux fehmu xi ħaġa jew anke waqt il-ħin tal-logħob billi nistiednu lil xi ħadd jilgħab magħna li soltu jkun waħdu. Fuq kollox tajjeb li naqsmu l-fidi tagħna ma' sħabna. M'hemmx bżonn affarijiet kbar. Forsi tistedinhom jiġu miegħek f'xi laqgħat li tmur bħall-MUSEUM jew xi grupp ieħor fil-parroċċa. Min jaf, forsi għada pitgħada, meta xi ħadd jistaqsuh għaliex sar Nisrani, forsi t-tweġiba tiegħu tkun għax inti wrejtu s-sabiħ tal-ħajja Nisranija.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
RGĦAJJA, MARIJA, ĠUŻEPPI, TARBIJA, MAXTURA, ISEBBĦU, JFAĦĦRU, ALLA, ANĠLU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | A | GĦ | A | J | N | A | GĦ | A | Ġ |
| A | N | Ġ | L | I | T | I | B | E | I |
| Q | T | A | J | J | A | GĦ | A | N | S |
| I | T | M | A | X | T | U | R | A | E |
| R | J | F | A | Ħ | Ħ | R | U | L | B |
| I | F | A | Ħ | Ħ | A | Ġ | B | L | B |
| T | R | T | O | R | T | U | A | A | Ħ |
| I | GĦ | A | IE | L | T | Ż | Q | Ħ | U |
| M | A | R | I | J | A | E | R | M | A |
| A | J | B | Ġ | E | R | P | A | A | N |
| R | J | I | Ù | S | B | P | T | R | Ġ |
| I | A | J | K | R | U | I | B | A | L |
| N | GĦ | A | L | I | H | L | N | A | U |



Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien **intqal lilhom dwar dik it-tarbija.**

## Kemm storbju?!



'Żomm l-ordni u l-ordni żżomm lilek' jgħidilna San Ġorġ Preca. Għalhekk tajjeb li inżommu mal-ħin. Kull ħaddiem jaf li xogħol storbjuż jista' jibda mas-7.00am u għandu jieqaf f'ħinijiet stipulati mill-awtorita'. Hemm ħsejjes li għandhom jieqfu sat-8.00pm u oħrajn sal-10.00pm. Il-ħinijiet ivarjaw matul jew tmiem-il ġimgħa. Il-murtali u l-baned fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jieqfu mal-11.00pm. Dan biex kull persuna jkollha ħin diċenti għall-mistrieħ.

Ma nistgħux ninsew il-ħinijiet ta' wara nofs inhar. Jekk mhux bi bżonn il-ġenituri tagħna għandhom ifakkruna li dak ukoll ħin il-mistrieħ. Mela ma ngħajtux; inżommu l-volum ta' kull ħaġa li qed nużaw baxx jew aħjar nużawh ħin ieħor. Min ikun marid, min għandu tfal żgħar, min ikollu xogħol bix-xift japprezza li l-ġirien jagħtu ftit każ. U bil-ħaqq, hemm bżonn tifqa' l-ħġieġ biex tisma' naqra mużika? Jekk trid ismagħha waħdek u uża l-headphones. Pero tinsiex li 'l fuq minn 120dB (WHO) ikun qed iħassarlek is-sens tas-smiegħ! Kun prudenti!

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.








**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

# Aħbar Tajba

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.